# Parroċċa Qalb Bla Tebgħa Ta' Marija
# BURMARRAD

Tel: 21573045/ Fax:21578118
www. parroċċaburmarrad.com
email:kappillan@parroccaburmarrad.com

*LEĦEN IL-PARROĊĊA - Awissu/Settembru 2013 - Nru. 368*



# *Il-Kelma tal-Kappillan*

Għeżież,

Ninsabu fl-eqqel tal-aktar staġun sħun tas-sena, is-sajf. Huwa żmien ta' mistrieħ, żmien ta' vaganzi, żmien ta' festi u fuq kollox żmien ta' sħana li tħallik bla saħħa. Bħalma magna għandha bżonn is-serħan, għax jekk tgħabbiha żżejjed tagħmlilha l-ħsara, hekk ukoll il-bniedem għandu bżonn il-mistrieħ tiegħu li jaqta' xi ftit mir-rutina tax-xogħol ta' kuljum:

- ❒ Għax jgħejja u ma jkunx jista' jkompli x-xogħol tiegħu.
- ❒ Biex jikseb enerġija għal meta jerġa' jibda x-xogħol.
- ❒ Biex ikollu aktar ħin għall-familja u jfittex l-għaqda tal-familja.
- ❒ Biex iżid fit-Talb, Rużarju u Quddies.

Għalhekk vaganzi diċenti huma ta' min jinkuraġġihom. Iżda noqogħdu attenti għax jekk aħna għandna bżonn il-mistrieħ, ix-xitan ma jistrieħ qatt, ma jgħejja qatt ħalli jara kif ser ifixkilna.

Għeżież, ma nħallu qatt li l-vaganzi, il-mistrieħ u r-rikreazzjoni tagħna jkunu ta' okkażjoni li nkissru l-familja. Kull fejn inkunu, għandna nġibu ruħna sew, inkunu onesti fi kliemna, f'għemilna u anke fl-ilbies tagħna, speċjalment meta mmorru l-Knisja. ATTENTI li ma nkunux ta' okkażjoni ta' dnub għall-oħrajn. Nispiċċa dan il-ħsieb tiegħi bi kliem ta' inkoraġġiment li qalilna Ġesu':

***"Tħallux qalbkom titħawwad u lanqas titbeżża', iżda emmnu f'Alla u emmnu fija wkoll, għax araw jiena magħkom sal-aħħar taż-żmien."***

Tkunu mberkin!

P.Joseph Mamo ofm Conv.

# *Madre Tereża (1910-1997)*

Ix-xahar t'Awwissu 2013 huwa għeluq il-103 snin mit-twelid ta' Madre Tereża, u Settembru huwa għeluq is-16-il sena mill-mewt tagħha. Dawn huma sentenzi qosra u sempliċi imma mimlija għerf li kienet tlissen.



- Jekk toqgħod tiġġudika lill-oħrajn, ma jkollokx ċans biex tħobbhom.
- Mhux kulħadd jista' jagħmel affarijiet kbar, imma kulħadd jista' jagħmel affarijet żgħar b'ħafna mħabba.
- Naf li Alla mhux se jagħtina aktar milli nifilħu. Nixtieq biss imma li m'għandux daqshekk fiduċja fija.
- Il-paċi tibda bi tbissima.
- Jekk tħobb sa ma tweġġa', ma jkunx hemm aktar uġiegħ, imma aktar imħabba.
- Il-ġuħ għall-imħabba huwa aktar diffiċli li taqta' mill-ġuħ għall-ikel.
- It-talb mhux li toqgħod titallab. It-talb huwa li tpoġġi lilek innifsek f'idejn Alla, u li tisma' leħnu fil-ġewwieni ta' qalbek.
- Kull darba li titbissem li xi ħadd, hija azzjoni ta' mħabba, rigal lil dik il-persuna, xi ħaġa sabiħa ħafna.
- Il-bieraħ spiċċa. Għada għadu ma ġiex. Għandna biss illum. Ejjew nibdew.
- Alla ma jitlobx minna li nirnexxu, jitlob biss li nippruvaw.
- X'tista' tagħmel int biex iġġib il-paċi fid-dinja? Mur id-dar u ħobb lill-familja tiegħek.
- Ma nafx eżatt il-Ġenna kif se tkun, imma naf li meta mmutu u Alla jiġġudikana, mhux se jsaqsik kemm għamilt affarijiet tajba f'ħajtek, imma se jsaqsi kemm poġġejt imħabba f'dak li għamilt.

Jekk inti umli, xejn ma jolqtok, la t-tifħir u lanqas it-tmaqdir, għax tkun taf min inti.

# ĦAJJA U ĦIDMA – Awissu 2013

| | |
|---|---|
| **Il-Ġimgħa 2** | L**-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**.<br>Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lil Qalb Imqaddsa ta' Ġesu'. |
| **Is-Sibt 3** | **L-Ewwel Sibt tax-xahar**.<br>Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lil Qalb Bla Tebgħa ta' Marija. Bejn l-10.00am u 12.00pm tkun miftuħa l-librerija.<br>Fis-6.00pm – Fil-Parroċċa tibda l-Adorazzjoni tal-Ewwel Sibt tax-xahar. |
| **Il-Ġimgħa 9** | Fit-8.00pm Bar-B-Q fiċ-Ċentru Parrokkjali.<br>Ħallu isimkom fis-sagristija. Tħallux għall-aħħar. |
| **Il-Ħadd 11** | Fl-10.30am – Laqgħa tal-Grupp Familji Nsara fiċ-Ċentru Parrokkjali. |
| **L-Erbgħa 14** | Lejlet is-Solennita' tat-Tlugħ fis-Sema ta' Ommna Marija. Il-Quddiesa tas-7.00pm tkun tgħodd għall-għada. |
| **Il-Ħamis 15** | **Jum is-Solennita' tat-Tlugħ fis-Sema ta' Ommna Marija**. Il-Quddies fil-Parroċċa jkun fis-6.00am, 8.30am u fis-7.00pm. |
| **It-Tlieta 20** | Fis-7.30pm – Wara l-quddiesa ssir il-Lectio Divina fil-Knisja. Kulħadd hu mħeġġeġ li jattendi. |
| **Is-Sibt 24 u l-Ħadd 25** | Il-ġbir li jsir f'dan il-weekend ikun b'risq il-Parroċċa tagħna. |
| **It-Tlieta 27** | Fis-6.00pm tibda l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina. |

# ĦAJJA U ĦIDMA – Settembru 2013

| | |
|---|---|
| **Il-Ħamis 5** | **L-Ewwel Ħamis tax-xahar**. Issir l-Adorazzjoni fis-Seminarju tal-Virtu' b'talb għall-vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi. Il-ħin jitħabbar fl-avviżi ta' kull ġimgħa.<br>Wara l-quddiesa jsir ħin ta' adorazzjoni komunitarja. |
| **Il-Ġimgħa 6** | **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**. Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lil Qalb Imqaddsa ta' Ġesu'. Illum tiġi fi tmiemha SkolaSajf. Dettalji tal-aħħar ġurnata mill-Co-Ordinator tal-IskolaSajf. |
| **Is-Sibt 7** | **L-Ewwel Sibt tax-xahar.** Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lil Qalb Bla Tebgħa ta' Marija. Bejn l-10.00am u 12.00pm tkun miftuħa l-librerija.<br>Fis-6.00pm – Fil-Parroċċa tibda l-Adorazzjoni tal-Ewwel Sibt tax-xahar. |
| **Is-Sibt 7 u** l-**l-Ħadd 8** | Fil-quddies kollu tagħna l-ġabra tmur b'risq il-missjoni ġdida tal-Indja. |
| **L-Erbgħa 11** | Fis-7.30pm – Wara l-quddiesa ssir il-Lectio Divina fil-Knisja. Kulħadd hu mħeġġeġ li jattendi. |
| **Is-Sibt 14 u l-Ħadd 15** | Żommu dawn il-ġranet liberi għax se tiġi għal darb'oħra organizzata l-MARATONA għal kulħadd fiċ-Ċentru Parrokkjali. Niltaqgħu. |
| **It-Tlieta 17** | Fis-6.00pm – Tibda l-adorazzjoni tal-Ħniena Divina. |
| **L-Erbgħa 18** | Festa ta' San Ġużepp ta' Copertino. Din is-sena qed Niċċelebraw it-350 Anniversarju mill-mewt tiegħu. 1663-2013. Fis-7.00pm ser issir quddiesa solenni Mmexxija mill-Komunita' Parrokkjali. Ikanta l-Kor Parrokkjali Ħlewwa ta' Marija. It-tfal huma mħeġġa biex jiġu mal-ġenituri tagħhom u jġibu magħhom |

Il-basktijiet tal-iskola sabiex inberkuhom qabel tibda l-iskola.

**Is-Sibt 21 u Il-Ħadd 22** Ġabra speċjali b'risq l-Art Imqaddsa.
Il-Ħadd fl-10.30am – Laqgħa tal-Grupp Familji Nsara fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**It-Tnejn 23** Terġa' tibda d-Duttrina fil-Mużew tal-Bniet u fiċ-Ċentru Parrokkjali. Araw l-avviż fil-paġna Tajjeb li tkun Taf.

**Is-Sibt 28 u Ħadd 29** F'dan il-weekend issir il-ġabra b'risq il-Parroċċa **l-**tagħna.

**Il-Ħadd 29** **Jum il-Festa tal-Arkanġlu San Mikiel**
Fil-11.00am Quddiesa fil-Kappella tal-Imdawra bil-kant mill-Kor Parrokkjali Ħlewwa ta' Marija.

**San Ġużepp ta' Copertino**
**Il-Protettur tal-Istudenti**

**18 ta' Settembru fis-7.00pm**
**Nġibu l-basktijiet tal-iskola**
**biex inberkuhom**
**qabel tibda' l-Iskola**

**350 Anniversarju**
**mill-mewt tiegħu**



# Il-Vuċi tal-Papa Franġisku



**'Ma tistax titkellem fuq il-faqar jekk ma jkollokx esperjenza mal-fqar. Ma tistax titkellem fuq il-faqar fl-astratt: dak ma jeżistix. Il-faqar hu l-ġisem ta' Ġesu' fqir, f'dak it-tifel u tifla li huma bil-ġuħ, f'dak li hu marid, f'dawk l-istrutturi soċjali nġusti. Imxu 'l quddiem; ħarsu lejn il-ġisem ta' Kristu.**

**Tħallux li l-benesseri tisraqilkom it-tama, dak l-ispirtu tal-benesseri li fl-aħħar mill-aħħar iwasslek li ma tkun xejn fil-ħajja.**

**Iż-żgħażagħ għandhom jistrieħu fuq l-ideali kbar tagħhom, dak hu l-parir tiegħi. Imma fejn insibu t-tama? Fil-ġisem ta' Ġesu' li jbati u fil-faqar veru. Hemm konnessjoni bejn it-tnejn.' (7 ta' Ġunju 2013)**





# Tajjeb Tkun Taf

- **Grazzi u prosit lil kulħadd tal-Festi sbieħ tal-Qalb bla Tebgħa ta' Marija li flimkien bħala Komunita' Parrokkjali ċċelebrajna.**

- **Dawn huma t-Tfal Adulti li rċevew il-Ġriżma tal-Isqof minn Mons. Anton Gouder nhar il-Ħadd 7 ta' Lulju 2013. Nawgurawlhom.**

**Jessica Bonavia**

**Isaac Camilleri**

**Neil Camilleri**

**Kelly Cumbo**

**Aidan de Carlo**

**Jeanelle Decelis**

**Owen Gauċi**



**Matthew Magro**

**James Mercieca**

**Luc Mifsud**

**Hannah Tabone**

**Andrew Vassallo**

**Luca Żammit**

Nixtiequ ninfurmawkom li l-ġranet tal-katekiżmu fil-Museum, **minn Settembru 2013** se jkunu hekk:

- It-tfal li se jkunu year 1 ikollhom nhar ta' **Ġimgħa**
- t-tfal li se jkunu yr. 2, 3, 4 u 5 **it-Tlieta u l- Ġimgħa**.
- It-tfal li se jkunu yr. 6 nhar ta' **Tnejn u nhar ta' Ħamis**
- Il-form 1 fiċ-Ċentru nhar ta' **Tnejn u nhar ta' Ħamis.**
- Il-ħin jibqa' bħas-soltu, jiġifieri fil-5.30pm ħin tas-sajf.
- Fl-4.30pm il-ħin tax-xitwa. Il-paċi magħkom.